

Brussell, 16 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6210/22

FIN 160
INST 31
PE-L 12

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6061/22
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 05/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022

1. Fl-10 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 05/2022, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

L-għan ta' din il-proposta huwa li timmobilizza r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR) għal ammont ta' EUR 1.3 biljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament sabiex tkopri l-pagament tal-prefinanzjament lill-Istati Membri fl-2022, kif indikat fid-dokument 6061/22.

2. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Frar 2022.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

3. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:

- it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif jinsab fid-dokument 6061/22; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX ma' din in-nota.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn: Il-President tal-Kunsill

lil: Il-President tal-Parlament Ewropew kopja: Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018², ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 05/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022.

(Formola tal-għeluq).

² Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).